**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**
**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur John Spiteri)**

**vs**

**Carmel Agius**

**Kump Nru: 600/2018**

**Illum, sitta (6) ta' Frar, 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Carmel Agius, detentur tal-karta tal-identità 95567M** akkuzat talli:

**F'dawn il-gzejjer u/jew gewwa -Omissis-, f'xi hin bejn 08:00hrs u 15:00hrs nhar id-9 ta' Marzu, 2018;**

**B'ghemil zieni ikkorrompa persuna ta' taht l-eta' u cioe ta' -Omissis- ID -Omissis- liema reat sar minn persuna**

**li lilha imqar jekk ghal xi zmien tkun giet fdata l-minuri sabiex jiehu hsiebha, jedukaha, jghallimha, jindukraha jew izommha.**

**U aktar talli fl-istess dati, lok hinijiet u cirkostanzi, ikkommetta attentat vjolent ghall-pudur fuq persuna taht l-eta' cioe ta' -Omissis- ID -Omissis-.**

**U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku ghamel reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.**

**Il-Qorti giet mitluba li jekk jidrilha xiraq tordna ordni ta' trattament skond Art 412D ta' kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412(C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xieraq.**

**Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu**

**mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sitta (6) ta' Novembru, 2020 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija kontra l-imputat u cioe':-

1. Fl-artikoli 203(1)(c) (qabel ma dahal fis-sehh l-Att XIII tal-2018), 208B(1)(2)(2A)(2B)(5) u 209A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 31, 207 (qabel ma dahal fis-sehh l-Att XIII tal-2018), 202(a)(g)(k), 208AC(2)(a) u 209A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikolu 31 u 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikolu 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-Artikoli 7, 8, 9, 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta.

Rat illi wara li l-Artikoli gew moqrija l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju;

Rat l-atti tal-inkjesta magisterjali numru 273/18 redatt mill-Magistrat Doreen Clarke.

**<u>IKKUNSIDRAT</u>**

Illi fl-inkjesta esebita in atti l-Magistrat Inkwirenti Dr. Doreen Clarke kienet semghet bil-gurament lill-minuri **<u>-Omissis-</u>** fis-17 ta' April 2018 u fejn wara li l-Magistrat Inkwirenti spjegatilha l-import ta' gurament, spjegat hija tattendi l-Iskola tal-Gvern -Omissis- u fejn nofs is-sena jkollha lezzjonijiet tal-arti apparti suggetti ohra. Hija qalet illi qabel il-vaganzi tal-Ghid ta' dik is-sena gralha xi haga mal-ghalliem tal-arti taghha ta' dik is-sena li kien Carmel Agius. Tghid illi kienu qeghdin jaghmlu progett fuq kanvas ghall-President ta' Malta u l-ghalliem kien qalilhom illi jekk ma kinux ser ilestuh kien ser jeffettwalhom il-marka finali u jekk kien hekk, dawn setghu jsibu lezzjoni *free* u jmorru fil-klassi sabiex ilestu dan il-progett. Hija tghid illi peress li ma kinitx lestiet dan il-progett sabet *free lesson* u marret fl-*Art Room* fejn hemmhekk kien hemm l-imputat. Tghid illi qabel ma dahlet fil-klassi din kienet

imsakkra u ghalhekk habbtet il-bieb, dan fethilha u rega' sakkar il-bieb warajha. Tghid illi hija riedet tohrog sabiex taghti nota lil xi hadd li kienet setghet toqghod hemm u regghet dahlet bl-istess mod billi l-imputat sakkar warajha. Hija tghid illi bhala pozizzjoni fil-kamra kienet bilwieqfa quddiem mejda kbira tal-arti. Tghid li nel frattemp l-imputat kien qed jissorveljaha u jaghtiha xi pariri. Tghid ukoll illi f'daqqa wahda staqsieha jekk hi ghandhiex *Facebook* jew il-genituri taghha u f'daqqa u l-hin beda jnizzel idejh ghal fuq genbejha minn warajha u beda jaghfas maghha. Tghid ukoll illi ghannaqha xi tliet (3) darbiet. Wara xi ftit b'idejh f'dik il-pozizzjoni hija resqet biex turih li ma kinitx qed tiehu pjacir. Hija tghid illi mat-tfajliet l-imputat ihobb joqghod vicin hafna taghhom izda mhux l-istess mas-subien. Hija tghid illi wara dik il-*free lesson* hija kellha lezzjoni tal-Ispanjol u mbaghad wara cemplet lil ommha biex tmur id-dar ghaliex qaltilha li ma kinitx qed thossha sew izda ma kienx veru. Dan ghamlitu ghaliex meta kienet gol-klassi mal-imputat kienet qaltlu li kellha *free lesson* ohra aktar tard u hu beda jdejjaqha biex terga' tmur u ghalhekk ivvintat li kienet ma tiflahx.

Il-minuri tghid ukoll illi lilha l-imputat kien dejjem itiha *reports* tajbin mentri lil studenti ohra kien dejjem itihom

*warnings.* Hija tghid illi lil ommha ma qaltilhiex mill-ewwel ghax kienet qed tisthi tghid izda meta qaltilha din marret tghid lill-PSD *teacher* li mbaghad irreferiet kollox lill-*headmistress.*

Illi semghet lil **Diane Desira** li esebiet l-*employment history* tal-akkuzat Carmel Agius (Dok DD1 – folio 74) fejn juri illi fid-data tal-akkuzi huwa kien jahdem mal-Ministeru tal-Edukazzjoni.

Xehdet ukoll **-Omissis-** li hija l-Kap tal-iskola ta' -Omissis- fejn tghid illi kienet giet mitkellma mill-pulizija rigward dan il-kaz u fejn tikkonferma illi fit-13 ta' April tas-sena 2018 kienet marret omm -Omissis- ghandha li dak iz-zmien kienet fil-klassi -Omissis- fejn qaltilha illi l-imputat kien mess lit-tifla taghha minn wara meta hi kienet fil-klassi tal-arti wehidha mieghu. Tghid illi l-imputat kien ghalliem tal-arti fl-iskola taghha. Tghid ukoll illi t-tifla kellha *free lesson* fid-9 ta' Marzu ta' qabel u din iddecidiet li tmur fil-klassi sabiex tlesti bicca xoghol tal-arti li kienet ghadha ma lestietx u dan peress illi l-ghalliem taghhom u cioe' l-imputat hekk kien qal l-istudenti tieghu. Tghid ukoll illi l-imputat kien jghallem lil din it-tifla fl-ewwel *semester* u ghalhekk dak iz-zmien kien ghadu ma jghallimhiex. Tghid illi tiftakar li dakinhar tad-9 ta' Marzu

t-tifla -Omissis- kienet marret ghandha ghaliex kienet qed thossha ma tiflahx. Hija tghid illi ma kellhiex raguni ghaliex ma kellhiex temmen lit-tifla ghaliex qatt ma kienu qabduha f'gidba. Hija kkonfermat illi dakinhar tal-allegat abbuz l-imputat kien fl-iskola (Dok. CP1 u CP4). Hija ma setghetx tikkonferma li l-minuri kellhiex *free lesson* ghaliex tghid illi mir-*records* dakinhar ma kellux ikollha.

Pero' meta din giet riprodotta kkonfermat illi dakinhar l-ghalliema tal-Malti li kull nhar ta' Gimgha jkollha lezzjoni mid-disgha u ghoxrin sal-ghaxra ta' filghodu (9:20 – 10:00 a.m.) kienet dahlet l-iskola aktar tard u cioe' fil-hdax neqsin ghoxrin (10:40 a.m.) pero' tghid ukoll illi normalment tintbaghat ghalliema ohra izda f'dik l-okkazjoni ma tafx ezattament x'gara. Tghid ukoll illi l-ghalliema tal—Omissis- kienet dak iz-zmien fuq *long sick leave* minhabba intervent mediku u minflokha kienet giet studenta ghalliema certa -Omissis-.

<u>**Daniela Baldacchino Pulo**</u> li tahdem fl-agenzija Appogg u li kkonfermat illi fit-13 ta' April 2018 kienu rcevew rapport minghand l-iskola medja ta' -Omissis fuq il-minuri -Omissis-.

Semghet ix-xhieda ta' omm il-minuri -Omissis u cioe' **<u>-Omissis-</u>** li kkonfermat illi t-tifla taghha li dak iz-zmien kellha tnax (12)-il sena (certifikat tat-twelid Dok. LF1 a fol 189) giet abbuzata mill-ghalliem tal-arti taghha Carmel Agius meta din kienet qieghda l-iskola. Hija tghid illi dakinhar li gara l-fatt kienet cemplitilha t-tifla taghha mill-iskola ghal xi l-ghaxra u nofs ta' filghodu (10:30 a.m.) fejn qaltilha biex tmur tigborha kmieni ghax kellha ugigh ta' zaqq. Tghid illi ratha stramba din il-haga ghaliex bintha qatt ma tkun trid tfalli l-iskola u ma kinitx qed tidher li kellha xi ugigh pero' din ma qaltilha xejn aktar. Tghid illi meta kienu marru l-Italia ghall-Ghid u kienu qeghdin jaraw programm televiziv -Omissis- nfexxet tikbi u staqsiet ghalfejn ragel xih kien qed jizfen ma' wahda ghadha zghira. Minn hemmhekk qaltilha l-istorja x'kien gara tal-imputat fejn qaltilha li kellha *free lesson* u meta marret go klassi biex tkompli bicca xoghol tal-arti li kien tahom l-imputat qabel ma' spicca s-*semester* gie dan ghalaq il-bieb u beda jittrattaha b'mod aktar affettwuz. Qalet li dan ghannaqha u qallha biex tkompli bid-disinn li kienet qed taghmel. Tghid ukoll illi kienet qaltilha li ghamel idejh fuq qaddejha u messilha l-warrani u qaghad imiss il-parti tieghu mal-wara taghha jimbotta. Hija qaltilha li kienet bezghet hafna. Tghid illi meta rritornaw lura Malta marret taghmel rapport l-iskola.

Finalment tela' l-uniku xhud tad-difiza **Horace Camilleri** mill-Ministeru tal-Edukazzjoni li kkonferma illi bejn it-12 ta' Frar u d-9 ta' Marzu 2018 l-imputat kellu esebizzjoni tal-arti l-Foyer tal-Ministeru. Huwa kkonferma zewg dokumenti Dok. CA1 u CA2. Jghid illi fl-ahhar gurnata u cioe' fid-9 ta' Marzu l-imputat kellu jzarma l-esebizzjoni. Dan kien xi hin filghodu. Mistoqsi inkontroezami jekk setax l-imputat mar izarma kmieni filghodu u cioe' qabel il-hdax u ghaxra ta' filghodu (11:10 a.m.) qabel ma rraporta x-xoghol gewwa l-iskola San Benedettu, Kirkop huwa jghid illi ma setax ikun jaf ghaliex huma ma jtuhx hin fiss izda qal illi l-Ministeru jkun miftuh mis-sebgha (7:00 a.m.) filghodu.

## IKKUNSIDRAT

Illi Carmel Agius qed jigi akkuzat bl-akkuza ta' korruzzjoni ta' minorenni sancit mill-Artikolu 203(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li prezentement u cioe' wara l-emenda b'Att XIII tal-2018, dan l-Artikolu jghid is-segwenti:

> *"203.(1) Kull min, b'ghemil zieni, jikkorrompi persuna ta' taht is-sittax-il sena jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija minn erbgha sa tmien snin:*

*Izda, il-piena għal dan id-delitt tkun ta' prigunerija minn sitta sa tnax-il sena, fil-kaz li tirrizulta wahda jew izjed mic-cirkostanzi li gejjin: ...*

*(c) jekk id-delitt isir minn axxendent, mid-demm jew bi zwieg, jew mill-genituri adottivi, jew mit-tutur, jew minn haddiehor li lilu, imqar jekk ghal xi zmien, tkun giet fdata l-persuna ta' taht is-sittax-il sena sabiex jiehu hsiebha, jedukaha, jghallimha, jindukraha jew izommha; ..."*

Illi qabel l-emenda tal-2018 dan ir-reat kien sancit mill-Artikolu 203(1)(c) li kien jaqra is-segwenti:

*"Kull min, b'eghmil zieni, jikkorrompi persuna ta' taht l-età, tas-sess il-wiehed jew l-iehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha:".*

Illi fin-noti tieghu dwar id-dritt penali, il-**Professur Mamo** jelenka l-elementi legali rikjesti sabiex tirnexxi dina l-azzjoni penali. Fi kliemu jghid illi dana r-reat: *"deals with those lustful acts not consisting in carnal knowledge or*

*attempted carnal knowledge with violence, whether actual or constructive, committed on the person or in the presence of any individual, whether male or female, and capable of defiling such individual."* Kwindi l-ewwel element rikjest hija l-età tal-allegat vittma li per forza trid tkun minorenni; it-tieni element imbaghad, jikkostitwixxi l-element materjali tar-reat u cioè l-ghemil zieni. *"Lewd conduct is any unlawful act committed by an individual with the purpose of arousing the libido or sexual interest of themselves or the person towards whom this action is directed."* Il-Professur Mamo jkompli jghid li *"this expression does not include mere words, or any picture, book or representation, though obscene, or other indecent facts which affect only the moral sense. These do not constitute the crime in question. It is required that the defilment be by lewd acts, which acts must be committed either on the person of the minor or at least in his presence"*. Isostni wkoll illi: "*to take a different view would be to ignore the obvious spirit of the law in creating the crime, that is the desire to protect youth from the pernicious effects of moral defilment and, therefore also from all those acts, which, although they take place without physical contacts, are nevertheless inherently intended to defile."* Il-Professur Mamo jiddeskrivi dawn

l-atti bhala: *"inclusive of all acts directed to the indulgence of the sexual apetite."*

Fl-ahharnett it-tielet (3) element rikjest huwa l-att tal-korruzzjoni. Ghalkemm kien hemm guristi li ma qablux dwar il-fatt jekk minuri li digà huwa korrott jistax ikun soggett ghall-koruzzjoni u kwindi jistax jaqa' vittma ta' dana r-reat, madanakollu l-qrati taghna dejjem sahqu illi l-fatt illi minuri ikun digà gie soggett ghall-korruzzjoni ma jeskludiex il-kummissjoni ta' dana r-reat fil-konfront tieghu (ghalkemm mhux dan hu l-kaz inezami). Ghal dak li jirrigwarda mbaghad il-*mens rea* rikjesta ghall-kummissjoni tar-reat tal-korruzzjoni tal-minorenni il-Professur Mamo huwa tal-fehma illi ma hijiex necessarja xi intenzjoni specifika wara l-kummissjoni ta' dana r-reat: *"The defilment whether intended or not, must be considered as a necessary consequence of the lewd acts themselves, leaving it in every case to those who are to judge to determine whether they were calculated to defile."*

Illi certament ma jonqosx illi din il-Qorti f'dan il-kuntest tikkwota l-kaz per eccellenza ta' dan ir-reat deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali u cioè **Il-Pulizija vs Thomas**

**Wiffen**, deciza fit-8 ta' Jannar 1996, per Prim Imhallef Dr Vincent De Geatano fejn gie deciz:

*"Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propria concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza" (Manzini, V., op. cit., p. 359). The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl -- in the case under examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed -- with the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts.*

*'As to the requirement of the actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known specific instrument, but it is something which has to be assessed by the appointed Judge – the lay Judge in the case of a trial*

*by jury, the professional Magistrate or Judge in all other cases – taking into account all the circumstances of the case, including in particular, the age of the victim and the nature of the act or acts."*

Illi fil-kuntest tal-kaz indizamina kollox idur fuq ix-xhieda li tat il-minuri -Omissis- lill-Magistrat Dr. Doreen Clarke fl-atti tal-inkjesta. Mix-xhieda taghha hareg illi l-imputat kien ilu b'ghajnejh fuqha. Kellu certu simpatija lejha tant li jekk hi u shabha jaghmlu xi haga, l-imputat kien icanfar lil shabha kollha u lilha le anzi jitbissmilha. Di piu' huwa car illi meta li kien qalilhom li min ma kienx ser ilesti l-progett ma kienx ser jiehu marki, dan kabbar certu biza' fuq l-istudenti tant illi bilfors, min ma kienx lest fosthom il-minuri -Omissis-, kellhom joqoghdu f'xi lezzjoni libera biex ilestuh. Johrog car ghalhekk li dan kien pjan premeditat sabiex ikun jista' joqghod wahdu ma' -Omissis- jew ma' xi studenta ohra.

Illi d-difiza ppruvat tqajjem dubju ta' jekk kienx hemm *free lesson* jew le dakinhar tal-allegat fatt, dan id-dubju bl-ebda mod ma jippreokkupa lil din il-Qorti ghaliex fid-depozizzjoni taghha l-minuri kienet cara a rigward

il-lezzjonijiet li kellha u dawk li semmiet kienu jikkombacjaw mat-*time table* ta' kull nhar ta' gimgha li giet esebita fl-atti. Illi huwa minnu li dak iz-zmien kien hemm xi attivitajiet tar-Randan imma gialadarba l-minuri hija barranija forsi ma tipprattikax ir-religjon Kattolika bhall-Maltin u ghalhekk forsi hasset illi ghandha taghti prijorità lil dan il-progett. A rigward il-lezzjonijiet hija tghid is-segwenti:

> *"Then I had to go out again because I was passing a note for the teacher to accept that I could go and stay. So, then as soon as I got out, he locked the door again and the I went back in and locked the door again. ....*
>
> *Yes because I had another free lesson after that. Another fort minutes and I didn't want to stay so be, so before that, after that free lesson I had spanish. So, I went to the Spanish lesson. Then, right after that I went home. I said that I was sick. So, I went home and just before the other free lesson because he kept on asking me: "Are you coming in the fourth, in the fourth lesson? Are you coming on the fourth lesson?" Then I said "No because I'm going home because I'm feeling sick"."*

Illi l-minuri -Omissis- hija kredibbli fid-depozizzjoni taghha ghalkemm hija l-unika xhud li tista' tirrakkonta x'gara ezatt bejnha u bejn l-imputat ghaliex ix-xhieda taghha hija ghal kwantu dettaljata a rigward x'gara bejnha u bejn l-imputat fil-klassi. Inoltre' ma giex ippruvat mid-difiza anke permezz ta' semplici dubju li tali xhieda m'ghandhiex mis-sewwa jew li kienet qieghda tigdeb. Jekk id-difiza qed tistrieh fuq id-dubju tal-lezzjonijiet jew tal-fatt li l-imputat kellu mostra tal-arti dak iz-zmien ma huwiex dubju bizzejjed sabiex tirrendi x-xhieda tal-minuri anqas kredibbli. Inoltre jirrizulta kien hemm ghalliema li kellha lezzjoni mat-tifla li dahlet tard u ghalliema ohra li kienet ma tiflahx. Illi l-Kap tal-iskola -Omissis- tghid illi normalment ikun hemm replacements tal-free lessons imma ghal dakinhar ma setghetx tghid b'certezza.

Illi insostenn ta' dan l-argument qed issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker** (Qorti tal-Appell Kriminali-deciza fid-19 ta' Mejju, 1997) fejn gie ritenut illi:

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may*

*not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one.”*

Illi wkoll fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta’ Frar 2012, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*“Huwa minnu illi jista’ jkollok sitwazzjoni fejn numru ta’ xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B’daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja.”*

Ukoll fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn** (Qorti tal-Appell Kriminali-deciza 9 ta’ Lulju 2003), il-Qorti qalet:

“*... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f’kaz ta’*

*konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx.*"

Illi huwa ben risaput illi Qorti meta tigi biex tiggudika tista' tistrieh fuq xhud wiehed. Fis-sentenza bl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace** (Qorti tal-Appell Kriminali-deciza fil-31 ta' Ottubru 2013) inghad fil-fatt is-segwenti:

*"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz ta' l- Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

Illi l-Qorti rat ukoll dak li jipprovdi Artikolu 637 dwar kif ghandha tanalizza kredibbiltà ta' xhud b'dan illi, "*id-decisjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix- xiehda hix imsahha minn xiehda oħra, u tac - cirkostanzi kollha tal- kaz.*"

Illi stabbilit dan il-punt, il-komportament tal-imputat versu l-minuri -Omissis- certament ma kienx wiehed idoneju ghal ghalliem fil-pozizzjoni tieghu. Meta l-minuri tghid illi l-bieb tal-klassi tal-arti kien imsakkar qabel ma dahlet hi u wara li fethilha u dahlet rega' sakkru huwa fatt mhu xejn sabih. Il-fatt illi l-klassi kienet imsakkra qabel ma jaghtihx id-dritt li jerga' jissakkar meta dahlet il-minuri fiha, izda l-imputat kellu jhalli l-bieb miftuh halli ma jhalli ebda ombra ta' dubju fuqu.

Hija tkompli tghid ukoll illi l-imputat qaghad hdejha sakemm kienet qieghda tpingi minflok ma halliha tahdem bil-kwiet. Di piu' azzarda jigi minn warajha u jaqbdilha gembejha ghal xi ftit mumenti u f'dawk il-mumenti kien qed jaghfas gismu mal-wara taghha. Illi f'dan il-waqt il-minuri qalet illi hija kienet qieghda tpingi bilwieqfa u

ghalhekk taghmilha aktar kredibbli l-verzjoni taghha li l-imputat qabdilha taht qaddha sabiex ikun jista' aktar jaghfas il-parti tieghu maghha. Tghid ukoll illi qabel ma harget huwa ghannaqha u staqsieha meta kienet ser terga' tmur.

Dan il-komportament tal-imputat huwa verament moqziez u kundannabbli u jinkwadra perfettament mal-elementi ta' korruzzjoni tal-imsemmija minorenni li f'dak iz-zmien hija kellha biss tnax (12)-il sena hekk kif gie ppruvat permezz ta' certifikat tat-twelid taghha li juri li hija twieldet fil -Omissis- (folio 225). Dan kollu huwa gravi ghaliex maghmul minn ghalliem versu minuri li kienet ukoll studenta tieghu u ghalhekk kellu d-dover li jipprotegiha mhux li jissodisfa z-ziena tieghu fuqha. Din ir-relazzjoni bejn ghalliem u studenta taghmilha ferm difficli ghal minuri li tiftah qalbha u din il-Qorti tifhem perfettament il-komportament ta' -Omissis- li ma qalitx bl-akkadut lil hadd mill-ewwel.

Illi l-atti maghmula mill-imputat fuq il-minuri jinkwadraw ukoll mal-elementi ta' dan ir-reat ta' korruzzjoni tant illi hemm similjanza kbira ma' dak li ntqal fil-kawza citata hawn fuq u cioè ta' Thomas Wiffen. Illi f'dan il-kaz ma kienx hemm id-diffikultà illi jigi stabbilit jekk il-minuri

kinitx digà korrotta o meno ghaliex ma tqajmet l-ebda eccezzjoni fuq dan il-punt mid-difiza. Inoltrè, u ghalkemm l-imputat ghandu kull dritt jibqa' sieket, huwa ma ppruvax jiddefendi ruhu b'xi mod li forsi jipprova juri li l-azzjonijiet tieghu ma kellhomx malizja. L-unika prova li gabet id-difiza kienet li f'dak iz-zmien l-imputat kellu mostra tal-arti fi hdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni u ghal dan il-ghan ipproducew bhala xhud lil certu Horace Camilleri li kien jiehu hsieb dawn l-avvenimenti fejn jikkonferma illi l-imputat kellu esibizzjoni tal-arti fil-Ministeru mit-tnax (12) ta' Frar sad-disgha (9) ta' Marzu. Jghid ukoll illi fid-disgha (9) ta' Marzu; u cioè meta sehh il-fatt kriminuz; kellu jzarma din l-esibizzjoni.

Issa d-difiza qed tipprova tissoleva dan id-dubju meta tghid illi l-fatt kriminuz qatt ma seta' jissussisti ghaliex l-imputat kien il-Ministeru jzarma. Pero' din il-Qorti ma tqis dan id-dubju bhala wiehed ragjonevoli ghaliex hareg ukoll mill-provi li l-imputat seta' jmur izarma mis-sebgha ta' filghodu (7:00 a.m.) u ghalhekk kien ikollu bizzejjed hin sabiex jasal l-iskola kif fil-fatt ghamel meta rregistra fis-sebgha u hamsin minuta (7:50 a.m.), imur izarma l-esibizzjoni, biex imbaghad jerga' lura l-iskola. Illi mid-depozizzjoni ta' -Omissis-, l-imputat dakinhar kellu

n-nofstanhar ta' filghodu liberu u ghalhekk taghmel sens il-verzjoni tal-minuri li kien wahdu fil-klassi tal-arti.

Illi ghaldaqstant, l-atti maghmula mill-imputat fuq il-minuri -Omissis- jammontaw ghal atti indecenti maghmula minnu sabiex jeccitaw il-libidini tieghu u certament kienu atti kapaci li jikkorrompu tali minuri. Certament il-minuri kienet affettwata b'tali atti tant illi bil-biza' telqet mill-iskola fejn ivvintat l-iskuza tal-mard u qalet lil ommha bl-akkadut xi xahar wara. Ghalhekk dan ir-reat gie ampjament ippruvat.

## IKKUNSIDRAT

Illi a rigward it-tieni (2) akkuza u cioè dik tal-attentat vjolenti ghall-pudur jinghad illi din l-akkuza ghandha titqies bhala wahda alternattiva ghall-ewwel (1) akkuza hekk kif stabbilit mill-Qorti tal-Appell fil-kawza bl-ismijiet **Pulizija v. Joseph Demanuele** (App. Krim. per Imh. E. Grima App. Nru. 138/15 – dec. 30.10.2020) u ghalhekk din il-Qorti ma hijiex ser tidhol sabiex tiddibatti tali akkuza stante li l-ewwel (1) akkuza giet ippruvata.

A rigward it-tielet (3) akkuza gie ampjament ippruvat illi Carmel Agius huwa ufficjal pubbliku permezz tax-xhieda ta’ Diane Desira li pprezentat l-*Employment History* tal-imputat fejn gie kkonfermat illi l-imputat kien jahdem bhala ghalliem fl-iskola tal-Gvern u huwa impjegat mal-Ministeru ghall-Edukazzjoni bhala *Teacher SC 9/2* (Dok DD1 – folio 74). Fil-fatt l-Artikolu 141 tal-Kodici Kriminali jistabbilixxi:

> *“Barra mill-kazijiet li fihom il-ligi tghid espressament liema huma l-pieni li ghandhom jinghataw ghar-reati li jsiru minn ufficjali jew impjegati pubblici, kull ufficjal jew impjegat pubbliku li jsir hati ta’ reat iehor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, jehel, meta jinsab hati, il-piena stabbilita ghal dak ir-reat, mizjuda bi grad.”*

Illi ghalhekk ma hemmx dubju illi l-imputat huwa impjegat pubbliku hekk kif tirrikjedi l-ligi.

**Piena**

A rigward il-piena li ser tigi inflitta l-Qorti hadet konjizzjoni tal-fatt illi l-imputat huwa ghalliem, tal-età zghira tal-minuri u tal-fatt illi r-reati addebitati lilu huma serjissimi u ghandhom jigu kkundannati bla riserva. Illi kwindi din il-Qorti ser timponi piena ta' prigunerija effettiva.

Illi jinghad ukoll illi l-Artikolu 209A illum il-gurnata gie mhassar permezz tal-Att LXIV.2021.19 u ghalhekk ma hijiex ser tapplikah kontra l-imputat minhabba l-principju tal-piena l-aktar favorevoli.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 31, 141, 203(1) (qabel ma dahal fis-sehh l-Att XIII tal-2018), 208B(1)(2)(2A)(2B)(5), 412D, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **Carmel Agius** hati tal-ewwel (1) u t-tielet (3) akkuzi u stante li t-tieni (2) akkuza hija assorbita fl-ewwel (1) akkuza li minnha qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni, tikkundannah piena ta' prigunerija ta' sentejn (2).

Inoltre u a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundanna lill-imputat ghall-ispejjez peritali

naxxenti minn dawn il-proceduri li jammontaw ghal tmien mija u sitta u disghin ewro u tletin centezmu (€896.30).

Inoltre u a bazi tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-imputat qed jitpogga taht Ordni ta’ Trattament ghal zmien tliet (3) snin liema Ordni ghandha tifforma parti integrali ta’ din is-sentenza.

Finalment u a bazi tal-Artikolu 208B(2) l-imputat huwa prevenut milli jezercita attivitajiet professjonali li jinvolvu kuntatt dirett jew regolari mat-tfal u dan ghal zmien hmistax (15)-il sena u tali Ordni ghandha titnizzel fil-fedina penali tieghu.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**